## Qorti tal-Magistrati (Malta)
## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Joseph Busuttil]**

**vs**

**Freddie Alfred Zahra**

**Kumpilazzjoni Numru: 875/12**

**Illum, 30 ta' Mejju, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Alfred Zahra detentur tal-karta tal-identita` numru 60988(M).

Akkuzat talli:

F'dawn il-gzejjer, gewwa l-fond Fuego fi Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar, fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Awwissu 2012, ghall-habta tal-5.30 a.m., minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Vincent Cutajar f'periklu car, ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Vincent Cutajar permezz ta' strument li jaqta' jew iniggez li huwa tazza;

Aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkariga skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li jkun jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

Aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, ingurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' Vincent Cutajar, wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien qieghed jaghmel dan is-servizz, bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu konra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb kontra Vincent Cutajar sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil dan Vincent Cutajar;

Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, ingurja jew hedded lil Vincent Cutajar;

Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku kien jinsab f'sakra b'mod li ma setax jiehu hsieb tieghu nniffsu;

Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet pubbliku.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija titratta mal-imputat bhala recediv u dan wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qorti;

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex illi f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta` ta' Vincent Cutajar flimkien mal-piena, u torbot lil hati b'obbligazzjoni taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata minnha; u

Semghet il-provi migbura sal-lum;

Stante ammissjoni mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih, permezz ta' verbal datat 30 ta' Mejju 2016, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u stante li llum il-gurnata l-imputat qabad it-triq it-tajba u ghalhekk il-Qorti thoss illi ghalkemm hemm l-addebitu tar-recediva thoss illi m'ghandhiex taghti piena ta' habs effettiv.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 214, 217, 218, 96, 339(d), 339(e), 338(dd), 338(ff) u 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u stante ammissjoni u l-konferma ta' tali ammissjoni mill-imputat, qeghda ssib lill-imputat Freddie Alfred Zahra hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u stante li r-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6) u seba' (7) akkuza huma assorbiti fl-ewwel (1) akkuza, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**